MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 729/1996/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ipprmetta u talab hekk :

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment, u dan minhabba f’ ragunijiet imputabbli solament lill-konvenuta principalment minhabba adulterju.

Peress illi l-attur kien awtorizzat jipprocedi ghas-serparazzjoni personali permezz ta’ Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 28 ta’ Frar 1996.

Tghid il-konvenuta ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti :

1. Tawtorizza s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan billi taghti tort solament lill-konvenuta minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija.

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika s-sanzjonijiet tal-ligi kontra l-istess konvenuta.

3. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-konvenuta f' kaz ta' bzonn.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, li biha eccepiet :

1. Illi preliminarjament id-domandi tal-attur huma ghal-kollox infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt stante li l-komportament agressiv tal-attur stess gab dizgwit u problemi fil-familja.

2. Illi fir-rigward tal-ewwel premess ma huwa minnu xejn li l-konvenuta rrendiet ruhha hati kontra l-attur ta' adulterju, anzi ghall-kuntrarju huwa l-istess attur li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom impossibli minhabba ragunijiet legalment u fattwalment fondati fosthom anki l-adulterju, eccessi, sevizzi, minacci, theddid, mohqrija, ingurja gravi, swat eccessiv u inkompatibilita' ta' karattru.

3. Illi l-konvenuta kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba l-agir agressiv u abbusiv da parte ta' l-attur u ghalhekk m' ghandha xejn x' tikkonsenja lill-attur.

Illi l-konvenuta defenittivament ma taqbilx illi l-Qorti ghandha tapplika s-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess konvenuta, anzi l-attur ghar-ragunijiet gja indikati f' din in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet, hemm lok li jiddekadi minn dak is-sehem spettanti lilu skond il-Ligi. Rat il-kontro talba tal-

konvenuta rikonvenzjonanti, li tinsab inserita a fol.27 tal-process ;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat, li tinsab inserita a fol.30 tal-process ;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-AIC Valerio Schembri;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna u tal-kontro talba relattiva l-partijiet qedin jitlobu s-separazzjoni personali, kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali. L-attur qed jimputa t-tkissir taz-zwieg lil martu l-konvenuta, ghar-raguni kontemplata fl-artikolu 38 tal-Kap.16, filwaqt li l-konvenuta qed tadduci kontra zewgha l-attur ir-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 ta’ l-istess Kap.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-16 ta’ Mejju 1964 meta allura, l-attur kellu 24 sena u kien jahdem bhala kuntistabbli, filwaqt li l-konvenuta kellha 17-il sena. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal li llum huma maggjorenni. Wara konvivenza matrimonjali twila ta’ circa disa’ u ghoxrin [29] sena, il-partijiet isseparaw de facto meta l-konvenuta telqet mid-dar konjugali fi Frar 1996.

Illi l-inkwiet matrimonjali jsib l-origini tieghu fir-relazzjoni ta’ hbiberija li l-partijiet kellhom ma’ certu koppja, u cirkostanzi li sehhew quddiem l-attur li wassluh biex jissuspetta li l-konvenuta kellha relazzjoni mar-ragel ta’ din il-koppja, li gie identifikat b’ ismu izda li din il-Qorti ser tindika bl-ittri “AB”. Is-suspetti ta’ l-attur, alimentati minn cirkostanzi ta’ natura ndizzjarja, wassluh sabiex fis-6 u fid-29 ta’ JCr 1996 jhebb ghal martu l-konvenuta u kkagunalha feriti ta’ natura hafifa kif konfermat mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi wara dawn iz-zewg episodji ta' vjolenza fizika da parti ta' l-attur fil-konfront ta' martu din telqet mid-dar konjugali; u fl-1 ta' April 1996, wara li kien ghamel l-ghassa lil martu raha diehla fir-residenza ta' AB. Cempel lil ibnu Romeo, u dawna dahhlu permezz ta' sgass gol-post u, sabu lill-konvenuta u lil AB, fis-sodda, hadu ritratti[1] taghhom f' dik is-stiwazzjoni u wara, hebbew ghalihom, bir-rizultat li kemm l-attur kif ukoll ibnu instabu hatja mill-Qorti tal-Magistrati u wehlu piena karcerarja. Fid-deposizjoni tieghu l-attur jispjega li f' dik l-okkazzjoni "Huma kienu reqdin fuq l-istess lizar li C [il-konvenuta] hadet mid-dar taghna li huwa parigg il-purtiera tal-kamra tas-sodda matrimojali taghna." Dan ma giex michud mill-konvenuta li minn naha taghha sostniet li r-relazzjoni taghha ma' AB kienet bdiet wara s-separazzjoni de facto.

Illi l-konvenuta spjegat li hija kienet telqet mid-dar matrimonjali minhabba l-incidenti ripetuti ta' vjolenza ezercitata fuqha mill-attur. Hija tghid li l-inkwiet bejn il-partijiet jmur lura "sahansitra ghal bidu taz-zwieg" peress li skond hi l-attur kien jippretendi li jkollu kontroll assolut ta' hajjitha u kien jerfa' idejh fuqha. Hija tpingi lill-attur bhala bniedem possessiv u inklinat ghal vjolenza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-allegazzjoni tal-konvenuta li zewgha l-attur huwa minn natura tieghu bniedem vjolenti u li ta' spiss kien jerfa' idejh fuqha ma ssibx sostenn fil-provi; anzi l-provi juru l-kuntrarju. Jigi osservat li, nonostante din l-asserzzjoni, il-konvenuta ma pprezentat ebda certifikat mediku jew rapport mghamula minnha lill-pulizija sabiex tipprova l-allegazzjoni taghha li l-attur kien vjolenti maghha tul il-konvivenza matrimonjali ta' 29 sena. Barra minnhekk kemm ix-xhieda tat-tfal komuni taghhom, Romeo u Susan [illum Aquilina], jimmilitaw serjament kontra din l-asserzjoni.

[1] Ara ritratt Dok.D – fol.77

Din ta’ l-ahhar, mara ta’ circa 37 sena, li zzewwget fis-sena 1989 u li ma’ tghix ma’ l-attur tghid : ‘Sakemm domt nghix maghhom qatt ma rajt lill missieri juri xi vjolenza lejn ommi. Gieli argumentaw, pero’ s’ hemm jaslu. Qatt ma rajtu jerfa’ idejh fuqha.”[2] It-tifel Romeo li ghandu circa 30 sena u jghix ma’ l-attur fid-dar konjugali jghid “Qatt ma niftakar illi missieri kien vjolenzi fizikament ma’ ommi. L-inkwiet serju bejniethom beda meta missieri qabadha titradih ma’ ragel iehor.’[3]

Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta ma rnexxielhiex tipprova li matul il-konvivenza matrimonjali l-attur kien vjolenti maghha u li din kienet il-kawza tas-separazzjoni ta’ bejniethom. L-uniku tlett incidenti ta’ vjolenza li avveraw ruhhom fil-konfront tal-konvenuta kienu f’ dawk it-tlett okkazzjonijiet fuq riportati, li tnejn minnhom kienu fl-istess xahar, cioe’ JCr tas-sena 1996, filwaqt li l-incident l-iehor, u li ta raguni lill-attur fis-suspetti tieghu, sehh xaharjen wara, u xahar wara li l-konvenuta telqet mid-dar. Il-Qorti tosserva li dawn kienu incidenti izolati li, ghalkemm certament kundCbbli, ma jirriflettux xi karattur vjolent da parti ta’l-attur, izda jidher li kienu rizultat tal-frustazzjoni u tar-rabja li dan kellu fil-konfront ta’ martu meta maz-zmien beda jivverifika li din kellha relazzjoni adultera ma’ AB. M’ ghandux ikun hemm dubju li dawn l-incidenti izolati ma kienux il-kawza tas-separazzjoni.

[2] Illi l-Qorti hija moralment konvinta li, fil-kaz odjerna, il-vera raguni ta’ l-inkwiet matrimojnali bejn il-koppja li damet tikkonvivi ghal zmien twil, kienet ir-relazzjoni extra matrimonjali u adultera li l-konvenuta kellha ma’ AB. Mix-xhieda johrog car li anke qabel ma’ l-attrici telqet mid-dar konjugali u kompliet ir-relazzjoni li kellha ma’ AB, din ir-relazzjoni kienet tirrisali ghal qabel is-separazzjoni. Dan jirrizulta mix-xhieda tat-tifel Romeo li jghid li gieghli kien issorprenda lil ommu taghmel telefonati fid-sieghat bikrin ta’ filghodu meta l-attur kien ikun rieqed u inoltre gieghli rahom ghaddejjin flimkien f’ karrozza ; kif ukoll, u b’ mod l-

[2] Fol.334 – sottolinear tal-Qorti
[3] Fol.335

aktar lampanti mill-incident tal-1 ta' April 1996 meta l-attur issporenda lill-konvenuta fis-sodda ma' AB. Il-Qorti tosserva li l-interval zghir minn meta l-konvenuta telqet mid-dar fi Frar 1996 u d-data ta' dan l-incident fl-1 ta' April 1996 jghati konfort, fuq bazi ta' probabilita' qawwija, lit-tezi attrici li r-relazzjoni taghha ma AB kienet tirrisali ghal qabel Frar 1996.

Illi in tema legali jigi osservat li skond gurisprudenza kostanti gie ritenut diversi drabi li minhabba d-diffikulta' tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista' jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta' konkubinat. "Ghal prova ta' l-adulterju ma hemmx bzonn it-testimonjanza de visu jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt" [*Edwards vs Edwards*]

L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta' tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b' mod li ma jhallu ebda dubju f' min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu [*PA Rita Spiteri vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964*]

F' dawn ic-cirkosanzi l-Qorti tikkunsidera li f'dan il-kaz jesistu provi gravi, precizi u konkordanti tar-relazzjoni adultera tal-konvenuta, u ghalhekk tikkunsidera bhala sodisfacentement provata l-allegazzjoni attrici ta' adulterju kommess mill-konvenuta, u li zgur wara dan l-incident iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort unikament tal-konvenuta.

[3] Illi fil-kontro talba taghha, il-konvenuta tattribwixxi adulterju lill-attur bhala wiehed mill-kawzi tas-separazzjoni. Il-Qorti tosserva li l-unika prova li hemm f'

dan ir-rigward huwa li l-attur ammetta fix-xhieda[4] tieghu li « naqbel li ghandi habiba li jismiha FC. Din ir-relazzjoni ta bejnietna ilha ghaddejja xi seba' [7] snin. Jiena nkun ghandha spiss. Infatti jiena u FC gieli ltqajna mal-mara u AB. »

L-attur ikompli jispjega 'ir-relazzjoni tieghi ma' FC bdiet wara li l-mara telqet mid-dar.... Jiena meta l-mara telqet mid-dar ghamilt passi biex l-affarijiet jergghu jirrangaw, infatti hfirtilha tlett darbiet. Infatti sa hadtha ghand il-Monsinjur Xuereb[5] .... u kont lest li nahfrilha, pero' meta mbaghad qbadtha fis-sodda mieghu, jiena ddecidejt illi daqshekk.'[6]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment fl-1 ta' April 1996 meta l-konvenuta, wara xahar li telqet mid-dar, nqabbdet mill-attur f' sitwazzjoni li ma thallix dubbju tar-relazzjoni adultera ezistenti bejn l-istess konvenuta u AB, u mhux ghal xi nuqqas serju da parti ta' l-attur. Inoltre, r-relazzjoni li dana kellu ma FC, tirrizulta konsegwenjali ghar-relazzjoni adultera tal-konvenuta, u l-provi prodotti f' dan ir-rigward zgur ma jwasslux ghal prova ta' l-adulterju da parti ta' l-attur ; se mai din il-hbiberija ta' l-attur tista' twassal biss ghal ingurja gravi, izda mhijex il-kawza tas-separazzjoni.

I

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

***Konsistenza***

Illi din tikkonsisti principalment fi proprjeta' immobbiljara konsistenti fis-segwenti : [1] garage nru.87/88 Magazine Street Floriana valutat fl-ammont ta' Lm6,000; [2] garage nru.95 Magazine Street, Floriana valutat fl-ammont ta' Lm10,000 u [3] id-dar konjugali nru.13 Pietru Floriani Street, Floriana valutata fl-ammont ta' Lm50,000.[7]

---

[4] Dep. 26 ta' Settembru 2003 – fol.352
[5] Dok.CX – fol.241
[6] Fol.353 u 354
[7] Relazzjoni Perit arkitett – fol.390

Illi inoltre l-partijiet kellhom diversi kontijiet bankarji, senjatament mal-Bank HSBC [gja' Mid Med Bank] u mal-Lombard Bank li uhud minnhom kienu fuq isem il-konvenuta. Kellhomm ukoll kont bearer mal-HSBC bin-numri 030586 u 895403610.

Illi minn dawk il-kontijiet li kienu fuq isem il-konvenuta, kif ukoll mill-bearer account, ngibdu mill-konvenuta ammonti sostanzjali ta' flus bejn il-5 ta' Ottubru 1994 u l-20 ta' Mejju 1996 kif dettaljatament indikat fil-prospett esebit mill-attur bhala Dok.P a fol.368 u li gie verifikat mill-Qorti b' referenza ghad-diversi withdrawal slips esebiti u ndikati fl-istess elenku.

Illi l-attur qed isostni li dawna kienu flus tal-komunjoni li ngibdu mill-konvenuta ad insaputa tieghu fiz-zmien li kien qed jeskala l-inkwiet matrimonjali bejniethom. Minn naha l-ohra l-konvenuta tghid li hija kienet gibdet Lm10,000 u tathom lill-attur fuq rikjesta tieghu biex jinvesti parti sostanzjali minnhom u 'xi somom inghataw it-tfal', filwaqt li hi hadet biss is-somma ta' £4,328.83 u LM5,000.[8]

Illi, ghalkemm iz-zewg partijiet ikkonfermaw li huma kienu taw xi flus lil uliedhom, liema fatt gie konfermat ukoll mill-istess uliedhom, la binthom Susan Aquilina u lanqas binhom l-ohra Alexandra Balzan ma specifikaw la l-ammonti u lanqas id-dati meta saru dawn id-donazzjonijiet. Fl-affidavit taghha Susan Aquilina tghid li d-donazzjonijiet lilha saru bejn is-snin 1987 u 1989 ; filwaqt li Alexandra Balzan tghid li bejn is-snin 1980 u 1995 il-genituri taghha taw 'my husband and me substantial gifts of money.'[9]

Illi mill-provi jirrizulta li, ghalkemm il-kontijiet fuq indikati kienu fuq il-konvenuta, dawna fil-fatt jirrapprezentaw l-introitu ta' l-attur mill-impieg tieghu u principalment mix-xoghol li kien jaghmel ta' mechanic, u kienet il-konvenuta li tamministra dan il-kont. Jinghad ukoll li, ghalkemm il-konvenuta tghid li ommha kienet tghatha ammonti ta' flus,

---

[8] Verbal udjenza 25 ta' Marzu 2004 – fol.371
[9] Fol.277 tergo

inkluz il-flus biex jixtru l-postijiet fuq imsemmija, din l-allegazzjoni ma tinsab sostnuta mill-provi. Inoltre, il-konvenuta stess, fix-xhieda taghha tat-13 ta’ Frar 1998, ‘ahna minn dan ix-xoghol konna nghixu hajja pjuttost lussuza, kellna diversi speed boats, liz-zewgt ibniet tajnihom il-flus biex xtraw darhom u dan kien jigi principalment mix-xoghol ta’ mekkanik. Ahna ukoll konna nsiefru kull sena.’[10]

Illi, il-vertenza sollevata tirrigward dawn l-izbanki li komplessivament jammonta ghal circa Lm30,000, u cioe’ jekk sarux mill-konvenuta bil-kunsens ta’ zewgha jew le. Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa d-dokumenti relattivi partikolarment id-dok.P verifikat minnha, hija tal-fehma certu zbanki ta’ flus li saru fis-sena 1995, li hija s-sena li d-dizgwid matrimonjali kien qed jeskali, jghatu konfort lit-tezi ta’ l-attur u cioe’ li dawn saru mill-konvenuta ad insaputa tieghu.

Huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet :

[a] ezami ta’ l-imsemmi dokumenti juri li bejn l-4 ta’ Marzu 1995 u l-11 ta’ April 1995 [perijodu ta’ ftit aktar minn xahar] il-konvenuta ghamlet tlett zbanki fl-ammont komplessiv ta’ Lm11,340.98.[11] Inoltre, bejn is-27 ta’ Lulju 2005 u l-11 ta’ Settembru 2005 [perijodu ta’ xahar u nofs] hija ghamlet erba zbanki komplessivament fl-ammont ta’ Lm,6262.13. Il-Qorti tifhem illi fil-hajja ta’ kuljum setghu fin-normalita’ ngibdu sommom ta’ flus ghal-ghejxien tal-koppja, izda meta l-ammonti jkunu sostanzjali bhal dawk in dismina, zbankati f’ perijodu ta’ zmien qasir, u di piu’ l-konvenuta kellha l-amministrazzjoni esklussiv ta’ dan il-kont, jaqa’ fuqha l-oneru li tghati spjegazzjoni dettaljata u sodisfacenti ta’ l-uzu maghmul mill-flus zbankati.

L-allegazzjoni taghha li hija kkonsenjat Lm10,000 lill-attur hija kontradetta minnu, u di piu’ ix-xhieda ta’ tfal dwar id-donazzjonijiet li nghataw lilhom miz-zewg genituri hija vaga u nsodisfacenti, stante li la hemm indikazzjoni ta’ l-

[10] Fol.17
[11] Fl-4 u fil-15 ta’ Marzu 1995 u fil-11 ta’ april 1995

ammonti u lanqas tad-dati jew zmien preciz meta nghataw. Hija wkoll inverosimili l-versjoni taghha li, fic-cirkostanzi meta d-dizgwid matrimonjali kien qed jeskali, hija tat l-flus lill-attur minghajr ma kkawtelat il-posizzjoni taghha billi tassigura li l-pagament mghamul lill-attur jkun registrat x' imkien. Ghaldaqstant fil-waqt li jirrizulta manifest u mhux kontestat li l-konvenuta zbankat s-sommom ta' flus kif indikati fid-dokumenti precitat, hija ma ssodisfatx l-oneru tal-prova rigward l-allegazzjoni taghha li hi kkonsenjat l-flus lil zewgha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-izbanki li saru mill-konvenuta mill-15 ta' Marzu 1995 il-quddiem ammontanti ghal LM22,947, bl-eccezzjoni ta' l-izbank li sar fl-1 ta' Mejju 1995 ta' £4,328.53, ghandhom jitqies fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bhala formanti parti mill-istess. Inkluza s-somma ta' Lm1,000 zbankata mill-attur mill-kont tieghu fit-30 ta' April 1996.[12]

**Assenjazzjoni**

Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghall-assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni bejn il-partijiet, u l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi m' ghandhiex tiddividi l-assi f' porzjonijiet ugwali, izda ghandha tassenja lill-attur assi li fil-valur taghhom jissuperaw dak li ser jigi assenjat lill-konvenuta, u dan ghas-segwenti ragunijit :

[1] Illi l-konvenuta hija hatja fil-konfront ta' l-attur ta' l-aktar offiza gravi li tista' tirreka lill-konjugi l-iehor bhala kawza ghas-separazzjoni personali. Il-konvenuta hija l-persuna unikament hatja tal-firda u tat-tkissir taz-zwieg tal-koppja wara konvivenza ta' circa 29 sena ;

[2] Illi marbut mal-premessa konsiderazzjoni, huwa wkoll rilevanti l-fatt li, kif pacifikament ricevut mill-partijiet, il-gid finanzjarju li rat il-koppja matul iz-zwieg taghhom huwa dovut ghall-introitu tax-xoghol li kien jaghmel l-attur ; filwaqt li l-konvenuta li zzewwget ta' 17- il sena qatt ma hadmet barra d-dar, lanqas meta kibru t-tfal; u ghalhekk din il-Qorti thoss li huwa gust li dan il-konjugi, li ssubixxa

---

[12] Dok.AC6 – fol.127

offiza bhal dik minn martu, jehu porzjon akbar mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ghaldaqstant tordna li ssir is-segwenti assenjazzjoni :

[a] Illi sehem il-konvenuta mid-dar matrimonjali numru 13 Pietru Floriani Street, Floriana, innkluz l-ghamara ta' go fiha, qed jigi assenjati lill-attur, li allura jkollu l-proprjeta' shiha ta' dan il-fond u l-mobbli; u li dan il-fond ma jibqax jitqies bhala d-dar konjugali tal-partijiet ;

[b] Illi sehem il-konvenuta mis-somma ta Lm1,000 zbankata mill-attur qed jigi assenjat lill-attur ;

[c] Illi sehem l-attur fil-proprjeta' nru.87/88 Magazine Street Floriana u fil-proprjeta nru 95 Magazine Street, Floriana qed jigu assenjati lill-konvenuta li allura jkollha l-prorpjeta' shiha ta' dawn il-fondi ;

[d] Illi sehem l-attur mis-sommom zbankati mill-kont ta' l-HSBC kif fuq indikat, jigi assenjat lill-konvenuta ;

[e] Illi kull dejn kuntrattat mill-partijiet ad insaputa tal-parti l-ohra, jkun unikament a kariku tal-parti li tkun ghamlitu.

**Manteniment**

Illi fil-kontro talba taghha l-konvenuta qeda titlob il-kundC ta’ l-attur sabiex dan jivversa manteniment ghaliha. In propositu jigi osserva li, gjalardba l-konvenuta rrendiet ruhha hatja tas-separazzjoni bl-adulterjur taghha, hija ddekadiet mid-dritt li titlob alimenti minghand zewgha l-attur fit-termini ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 li f’ dan l-kaz l-applikazzjoni tieghu hija tassattiva.

Illi rigward l-arretrat ta’ manteniment li kien dovut pendente lite, ghalkemm jirrizulta ammess li l-attur qatt ma’ hallas lill-konvenuta l-manteniment provvisorju stabbilit mill-Qorti, il-pretensjoni tal-konvenuta ghal hlas illum ta’ dan l-arretrat isib ostakolu fid-dispost ta’ l-artikolu 25 [2] tal-Kap.16

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar t-talbiet attrici billi :

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-raguni unikament imputabblill-konvenuta u dan b' effett mill-1 ta' April 1996 ;

[2] tilqa' t-tieni talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta l-akkwisti b' effett mill-imsemmija data, u tillikwida l-istess u tassenja l-assi kif fuq dettaljatament specifikat taht l-intestatura 'Komunjoni ta' l-Akkwisti – Konsistenza – Assenjazzjoni' ; u tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu ;

[3] tilqa' t-tielet talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana sabiex fi zmien tlett xhur, fl-edifizju tal-Qorti, u f' data u hin fissat minnha, tircevi l-att pubbliku opportun u tinnomina lill-Avukatessa Dottor Graziella Bezzina ghal eventwali kontumaci ;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta ;

Tiddecidi dwar il-kontro talba billi :

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ta' din il-talba stante li l-Qorti gja provdiet in propositu;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------